MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2004

Avviz Numru. 378/2004

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

**Joseph Taliana**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' erbat elef u erba' mitt Lira Maltin u hamsa u sittin cetnezmu (LM4,400.65,0) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" ta' Joseph Taliana mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "A1"sa "A2") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mis-6 ta' Lulju, 2004 sal-jum tal-pagament effettiv liema "Loan Account" gie moghti lill-konvenuti permezz ta' skrittura privata datata 18 ta' Gunju, 2002 (Dok. "B");**

**U dana peress illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura privata hawn fuq indikata u cioe' Dok. "B" partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenut Joseph Taliana**

**(a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija skrittura privata, u**

**(b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess skrittura privata sopraindikata, u/jew**

**(c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess konvenut li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici u b'hekk il-konvenut iddekada mill-beneficcju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f'daqqa;**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 4 ta' Novembru, 2003 (Dok. "C") u tal-Mandat ta' Sekwestru u ta' Qbid li qed jigu pprezentati kontestwalment kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt sabiex jidher ghas-subizzjoni;**

**Semghet lir-rapprezentant tas-socjeta' attrici li bil-gurament tieghu kkonferma li l-istess socjeta' ghadha ma thallsitx l-ammont kif indikat fl-avviz odjern lilha dovut mill-konvenut;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fis-26 ta' Ottubru tas-sena 2004 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-**

**Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**Marica Sammut**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------